Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 56/2012AE

**Anthony Carabott**

**Vs**

**BIM Limited**

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015.

B'decizjoni tas-7 ta' Dicembru 2012 it-Tribunal Industrijali ddecieda:

*"… li r-rikorrent kien jifforma parti mid-Dipartiment tal-Light Engineering, illi r-redundancy fl-istess Dipartiment kienet kawza gusta, giet applikata regola last in first out fil-konfront tieghu, u lanqas ma gie mpjegat haddiehor warajh fil-grad li kellu hu".*

Ir-rikorrent kien beda proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali wara li fit-18 ta' Settembru 2009 is-socjeta intimata tterminatlu l-impieg minhabba *redundancy*. Spjega li kien beda jahdem mal-intimata fis-sena 1973[1]. L-ilment tar-rikorrent kien:-

*"Illi fit-tkeccija tar-rikorrenti l-kumpannija intimata ma applikatx ir-regola tal-last in first out kif ukoll naqset milli tapplika l-ftehim kollettiv vigenti b'riferenza partikolari ghall-artikolu 31 ta' l-istess;*

*Illi inoltre, wara li r-rikorrenti twaqqaf abbazi ta' redundancy, il-kumpannija regghet impjegat persuni ohra li kienu twaqqfu flimkien mar-rikorrenti li izda kienu ilhom perjodu anqas jahdmu mal-kumpannija"*[2].

Ir-rikorrent appella mid-decizjoni tat-Tribunal, u fil-qosor l-aggravji huma li:

1. It-Tribunal interpreta b'mod zbaljat klawzola 31 tal-Ftehim Kollettiv. L-appellant argumenta li gialadarba mill-provi kien irrizulta li ghamel snin twal jahdem fil-Galvanizing Department, b'applikazzjoni ta' klawzola 31 u l-principju ta' *last in first out*, kellu jintbaghat jahdem f'dik it-Taqsima u mhux jitkecca mill-impjieg.

[1] Fid-dikjarazzjoni tal-fatti li pprezenta quddiem it-Tribunal qal: *"**Illi l-esponent kien ilu impjegat mas-socjeta intimata taht kuntratt indefinit sa mis-sena 1973 originarjament bhala Sheet Metal Worker** (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok. AC1)…."* (fol. 12).

[2] Ara rikors promotur tat-30.9.2009.

2. It-Tribunal naqas milli jikkunsidra li l-appellant ghamel mill-inqas 35 sena jahdem b'mod permanenti fil-*Galvanizing Department*. Perjodu li skond l-appellant kellu jittiehed in konsiderazzjoni biex jigi stabbilit min kellu jitkecca. L-interpretazzjoni korretta tal-klawzola 31 kienet titlob li l-kuncett ta' *last in first out* jigi applikat ukoll fil-konfront tal-haddiema fil-Galvanizing Department.
3. It-Tribunal wettaq ingustizzja meta ddikjara li l-appellant ghamel biss 25 gurnata fit-Taqsima tal-Galvanizing matul is-snin 2004 sal-2009, meta kellu obbligu li jikkunsidra s-snin kollha li l-appellant kien ilu jahdem mal-appellata.

L-intimata wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

Il-qorti rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju 2014. Rat ukoll l-atti tal-process tat-Tribunal Industrijali.

Il-qorti tosserva:-

i. Klawzola 31 (***Demotions and Redundancy By Department***) tal-Ftehim Kollettiv tipprovdi:

   *"(i) In declaring departmental redundancy and/or making departmental demotions in a particular grade/trade due to curtailment or lack of work, the employee/s having the least seniority in that particular grade/trade will ordinarily be discharged or demoted first, provided that when the said employee, who is being demoted or discharged, has previously held on a permanent basis a job at an equal or lower rate of pay in another trade or grade, if he has more seniority in this other trades/grades then the employee with the least seniority in this latter grades/trades is demoted or discharged".*

   L-appellant m'huwiex jallega li r-*redundancies* fit-Taqsima *Light Engineering* ma kienux genwini. M'huwiex lanqas jikkontesta li meta gie tterminat l-impjieg tieghu kien qieghed jahdem fit-Taqsima *Light Engineering*[3].

ii. Irrispettivament mill-mod kif tigi nterpretata klawzola 31, ma jirrizultax li fid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant (18 ta' Settembru 2009) kien hemm haddiema ohra li kienu *Sheet Metal Worker, Boiler Maker* li kienu gew ingaggati wara l-appellant u nzammew fl-impieg. Mit-taghrif li nghata mill-Employment Training Corporation jirrizulta li haddiema ohra fil-grad ta' *Sheet Metal Worker, Boiler Maker* li baqghu impjegati mal-

[3] Fir-rikors tal-appell qal: *"… r-rikorrent qatt ma sostna li fil-mument tas-sensja huwa ma kienx qieghed jahdem fid-Dipartiment tal-Light Engineering".*

appellata, **kollha** bdew jahdmu qabel l-appellant (ara dokument a fol. 101)[4].

iii. Klawzola 31 qeghda tikkontempla kaz ta' *departmental redundancy*, li hu proprju l-kaz in ezami. Fil-fehma tal-qorti dik il-klawzola tindirizza x'ghandu jsir fid-dipartiment fejn ikun hemm bzonn jigu terminati xi impiegi minhabba *redundancy*, u mhux x'jigri f'dipartimenti ohra tal-kumpannija. Jekk il-hsieb tal-partijiet li kkonkludew il-Ftehim Kollettiv u li fuqu l-appellant ibbaza l-ilment tieghu, kien li l-ezercizzju kellu jsir f'kull taqsima rrispettivament tat-taqsima fejn ikun hemm bzonn jitkeccew haddiema minhabba *redundancy*, allura ma kienx ikun hemm bzonn ghal klawzola 31 li hi ntestata ***Demotions and <u>Redundancy by Department</u>***. M'hemmx dubju li fiz-zmien li gie tterminat l-impieg tal-appellant hu kien qieghed jahdem fit-taqsima tal-*Light Engineering*, li hi proprju t-Taqsima fejn kien hemm nuqqas ta' xoghol. L-appellant jippretendi li peress li ghamel zmien jahdem fit-taqsima tal-*Galvanizing*, b'applikazzjoni tal-klawzola 31 ma kellux jitkecca u anzi kellu jitkecca haddiehor li dahal jahdem warajh. Pero' klawzola 31 ma tipprovdix li fl-ezercizzju sabiex jintaghzlu l-haddiema li kellhom jitkeccew mit-taqsima tal-*Light Engineering* kellhom jkunu nvoluti l-haddiema fl-istess grad jew sengha tal-appellant li pero' jahdmu fit-taqsima tal-*Galvanizin*g.

iv. Il-qorti fehemet li l-haddiema li l-appellant semma b'isimhom[5] u li skond l-appellant kellhom jitkeccew minfloku ghaliex kien *senior* taghhom[6], fiz-zmien li tkecca kollha kienu jahdmu fit-taqsima tal-Galvanizing. Fil-fatt Charles Ebejer, manager tas-socjeta intimata, xehed li f'Settembru 2009 kienu tkeccew[7] l-ahhar hames impjegati li kienu jahdmu fit-taqsima tal-*Light Engineering* (fol. 82).

v. Ghalkemm fir-rikors tal-appell jinghad li l-appellant hadem mill-inqas 35 sena fit-taqsima tal-Galvanizing, meta xehed qal:

*"Dr Spiteri Bailey: Allura qed tiftakar li ghamilt dan ix-xoghol kollu, m'intix f'posizzjoni tghidilna illi hdimtx iktar fil-galvanising section jew hdimtx iktar barra mill-galvanizing section?*

*Xhud: **Le jekk tghodd iz-zmien li ghamilt BIM <u>iktar hdimt</u> barra mill-galvanizing milli gol-galvanizing**".*

---

[4] L-appellant beda jahdem mas-socjeta appellata fil-5.3.1973.

[5] Fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2010 mistoqsi kienx hemm haddiema li kien senior taghhom u ma tkeccewx, qal li *"Kien hemm Karmenu Zammit, Lawrence Gauci, Toni Darmanin, Pawlu Carabott u Felix Zammit. Dawk il-hamsa zgur warajja dahlu"* (fol. 163).

[6] Skond klawzola 33 Reckoning Seniority: *"For the purpose of reckoning seniority, where demotions and/or redundancies are concerned, length of service in any grade or trade will be determined by the sole criterion of the date of first appointment to that grade/trade,……"*.

[7] Inkluz l-appellant.

Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-appellant li skond klawzola 31 tal-Ftehim Kollettiv it-Tribunal kellu *"…. Jidhol fil-kwistjoni dwar jekk l-appellant kienx ghamel zmien tul is-snin kollha tieghu ta' impieg ….. impjegat b'mod permanenti fid-Dipartiment l-iehor cioe' dak tal-Galvanizing"*[8]. L-interpretazzjoni li l-appellant qieghed jaghti lil din il-klawzola ma tirriflettix dak li tipprovdi l-klawzola.

vi. It-Tribunal ma kellux bzonn jaghmel xi analizi f'liema taqsimiet hadem l-appellant matul is-snin li dam jahdem mas-socjeta appellata, kif jippretendi l-appellant. Hu veru li t-Tribunal ikkunsidra f'liema taqsima kien jahdem l-appellant fl-ahhar hames snin tal-impieg. B'daqshekk m'ghamel xejn li jmur kontra klawzola 31. Perjodu li l-qorti tqies li hu altru milli sufficjenti biex jigi determinat f'liema taqsima kien effettivament jahdem l-appellant. It-Tribunal ghamel apprezzament tal-provi u kkonkluda li l-appellant kien jahdem fit-taqsima *Light Engineering*. Jidher li l-appellant nesa li quddiem it-Tribunal Industrijali kien hu li ghamel l-argument li matul l-ahhar hames snin kien jahdem fit-taqsima l-ohra. Tant hu hekk li fin-nota ta' sottomissjonijiet iddikjara: *"Gew prezentati bosta payslips li juru li ghal bosta perjodi anki perjodi kontinwi Anthony Carabott kien qe jahdem b'mod permanenti fid-dipartiment tal-Galvanizing"*. Fl-istess nota qal li mill-provi kien irrizulta li *"… fl-ahhar hames snin Anthony Carabott ghamel bosta xhur kontinwi jahdem fid-Dipartiment tal-galvanizing"* (fol. 212). Ghalhekk kien l-appellant li originarjament semma l-ahhar hames snin tal-impieg. Il-kopji tal-*payslips* li pprezenta l-appellant huma ghas-snin 2008 u 2009. Hu veru li mill-provi rrizulta li kien hemm zmien li l-appellant kien jaghmel xoghol fit-taqsima tal-*Galvanizing*[9], pero l-provi juru li fl-ahhar hames snin tal-impieg kien jahdem fit-taqsima *Light Engineering* b'eccezzjoni ta ftit granet meta ntbaghat jaghmel xoghol fit-taqsima tal-*Galvanizing.*

vii. Fir-rikors tal-appell jinghad ukoll li *"…. gie applikat b'mod hazin il-principju legali ai termini tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta li fi zmien sena, jekk jerga' jkun hemm il-post vakanti, dan ghandu jigi offrut lil min ikun inghata s-sensja u dan ghal darb'ohra b'applikazzjoni skoretta tar-regola tal-last in first out"*. Pero' m'hemmx prova li fi zmien sena minn meta l-appellant tkecca (ara Artikolu 36(3) tal-Kap. 452) il-kariga li kellu l-appellant regghet saret disponibbli.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.

---

[8] Ara rikors tal-appell.

[9] Ara per ezempju dokumenti AC26 u AC27 (fol. 63) fejn ismu hu nkluz f'lista ta' haddiema li jahdmu b'shift. Dan kien matul is-sena 1994.